MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 401/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Carl Galea ta' 32 sena, bin Victor u Mary nee' Galea, imwieled tal-Pieta', nhar l-10 ta' Lulju 1979 u residenti MM Gratiae, Vjal tal-Labour, Zabbar u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 390179(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carl Galea li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fit-12 ta' Marzu 2011 fir-Residenza San Vincenz de Paule, Hal Luqa wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Rita Scicluna ta' 87 sena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-18 ta' Mejju 2011 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.
Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti irrizulta illi l-imputat Carl Galea huwa impjegat bhala *careworker* fir-residenza ghall-anzjani San Vincenz de Paule gewwa Hal Luqa. Ghalkemm l-prosekuzzjoni ma tressaq l-ebda prova dwar l-impieg ta'l-imputat madanakollu jidher illi dana huwa fatt mhux ikkontestat. Illi dana l-kaz jibbaza ruhu fuq ix-xhieda okulari ta' persuna wahda certu Rita Psaila li fil-jum indikat fl-akkuza kienet marret taghmel vizita lil ommha li tghix gewwa dina r-residenza. Jidher illi kien il-hin meta l-anzjani jigi servut lilhom il-pranzu. F'dana il-hin jidher illi huma ma ikunux fil-kmamar rispettivi taghhom ghajr ghal dawk li huma *bed-ridden* u li jigu mitmugha allura fis-sodda. Fil-kamra fejn kienet tinsab omm Psaila, li hija kamra li tospita erba' minn nies, kien hemm anzjana certu Rita Scicluna, li hija *bedridden* u tbati bid-*dementia*. Allura fil-hin tal-ikel hija kienet tinsab wahedha fil-kamra. Jidher illi filwaqt li ommha kienet qed tiekol, dina Psaila iddecidiet tmur lura fil-kamra tas-sodda sabiex tigbor il-hwejjeg ta' ommha sabiex tehodhom maghha ghal hasil u thallilha il-hwejjeg in-nodfa. Hija tirrakkonta illi hekk kif dahhlet fil-kamra osservat lill-imputat mitfugh fuq l-anzjana Scicluna jaghmel certu movimenti fuqha bhallilkieku qisu qed jaghmel l-att sesswali. Tghid illi hekk kif induna biha hu qam jigri minn fuq l-anzjana u deher mahsud. L-anzjana qalet lil Psaila li riedet tkellimha, izda Galea waqqafha u telaq 'il barra. Meta imbaghad Psaila regghet ippruvat tkellem lill-anzjana u staqsietha kif inhi, hi wegbitha li kienet tajba u tghid li dehret li qiesha kienet diga insiet x'kien gara. Wara dana hija irrapurtat dana il-kaz lill-awtoritajiet l-isptar u lill-pulizija.[1]

---

[1] Ara xhieda ta' Rita Psaila a fol.27 et. seq.

L-imputat ma jixhidx fil-kawza, izda fl-istqarrija li huwa jirrilaxxja lill-pulizija[2] ighid illi huwa kien mar fil-kamra ta'l-anzjana sabiex jaghtieha tiekol, izda f'hin minnhom irceva telefonata minn ghand persuna li kienet qed tirrikattah u ghalhekk hareg 'il barra. Wara li rceva dina it-telefonata ighid illi ma kienx jaf x'qed jaghmel. Ighid illi huwa ibati minn depressjoni qawwija ukoll. F'dak il-hin jikkonferma illi huwa intefa' fuq l-anzjana u ghamel mossi qisu tiela' u niezel fuqha, izda ighid illi ma kienx jaf x'qed jaghmel. Ighid illi spiss ma ikunx jaf x'qed jaghmel anke meta ikun xoghol.

Illi mill-provi akkwizti irrizulta illi l-imputat fiz-zmien tal-kummissjoni ta'l-allegat reat kien qieghed jigi rikattat minn certu Raymond Camilleri. Fil-fatt dana Camilleri qed jigi indagat mill-pulizija dwar l-istess. Camilleri kien qed jirrikatta lill-imputat dwar dan ir-rapport u xi rapport iehor li jallega li sar fil-konfront tieghu. Dana kollu qieghed lill-imputat taht pressjoni u ansjeta kbira. Fil-fatt jirrizulta illi huwa qieghed ibati minn depressjoni qawwija, qieghed taht kura psikjatrika, ibati ukoll mill-epilepsija u anke ghandu intelligenza baxxa x'aktarx ghaliex huwa dyslexic. Dana jirrizulta mir-rapport tal-psikjatra nominata mill-Qorti Dr. Ethel Felice. Fil-konsiderazzjonijiet peritali taghha hija tghid:

"**Il-perizjand Carl Galea juri intelligenza baxxa. Ibati minn depressjoni li ghaliha ha l-kura wara l-konsultazzjonijiet ma' psikologa. Ghandu personalita' inadegwata li timmanifesta ruhha ghal mod kif kien jigi rikattat biex irodd il-flus lil min kien qieghed iheddu. Huwa kien qieghed jigi rikattat minhabba nuqqas ta' karattru sod, emozzjoni varjabbli u resistenza baxxa, b'rizultat li spicca jaqa' vittma tat-theddid. L-epilepsija li ghandha effett dizastruz fuq l-imgieba, is-self image li kontinwament kellha bzonn ta' pilloli antikonvulsivi.**"

B'hekk l-espert tasal ghal konkluzjoni illi:

[2] Ara stqarrija ta'l-imputat a fols. 9 u 10 tal-process

"**Il-perizjand kien ibati minn intelligenza baxxa, personalita' dghajfa u karattru xejn sod li kienu jirrenduh inkapaci li juri resistenza normali ghall-okkorenzi negattivi fil-hajja**."

Dana kollu fil-fehma tal-Qorti jaghti spjegazzjoni ghal dak li sehh. Jidher illi l-imputat li ghandu certu kundizzjonijiet ta' sahha mentali huwa bniedem dghajjef hafna. Ibati minn depressjoni qawwija u attakki ta'l-epilepsija. Inoltre ghandu intelligenza baxxa. Dawn il-fatturi abbinati flimkien iwasslu sabiex l-imputat juri resistenza baxxa ghall-istinti tieghu tant illi huwa ma ikunx kapaci jikkontrolla l-istess. Jidher illi qabel ma wettaq l-azzjoni in dizamina fuq l-anzjana Scicluna, huwa kien ghadu kemm irceva telefonata ta' rikatt li fiz-zmien in kwistjoni kienu qed jikkagunawlu tensjoni u ansjeta kbira. Hekk kif dahal lura fil-kamra huwa ma kienx kapaci jikkontrolla l-hsibijiet negattivi li hakmuh u kien pront tela' fuq l-anzjana u kif tiddeskrivi tajjeb Rita Psaila "beda jishon maghha".

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta'l-attentat vjolenti fuq il-pudur tal-persuna Rita Scicluna ta' 87 sena. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gerald Cassar (deciza fit-18 ta' Lulju 1959) gie deciz:

"***L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)"***

***"Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.***"

Illi dwar l-element tal-vjolenza, l-ligi stess tistabbilixxi dak li jikkostitwixxi dina l-vjolenza fl-artikolu 201 fejn fost ohrajn hemm dispost illi l-element tal-vjolenza jirrizulta dejjem "**meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuz ma tkunx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati**. …"

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-allegata vittma ta' dana ir-reat hija mara anzjana li tghix fl-isptar San Vinenz de Paule. Illi dina l-anzjana hija *bedridden* u tbati mid-*dementia*. Illi ta' min ighid mal-ewwel illi l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi dwar l-eta ta' Scicluna, il-kundizzjoni ta' sahha taghha u l-fatt illi hija residenti gewwa d-dar San Vincenz de Paule. Dina l-anzjana fil-fatt qatt ma ingiebet sabiex tixhed fil-kawza u dana peress illi minn dak li ighid l-ufficjal prosekutur u investigattiv jirrizulta illi dina l-mara tbati mill-kundizzjoni tad-*dementia* u anke meta mar sabiex jipprova ikellimha huwa stess fil-kors ta'l-investigazzjonijiet tieghu, dina izda ma ikkomunikatx mieghu.[3] Dana kollu ifisser ghalhekk illi Rita Scicluna kienet persuna vulnerabbli, anzjana li tiddependi ghal kollox mill-ghajnuna tal-*carers* taghha sabiex taghmel l-affarijiet bazici tal-hajja.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni id-difiza tikkontendi illi l-imputat ma kienx konxju ta' dak li kien qieghed jaghmel u li il-movimenti li osservat Psaila ma kenux ghajr movimenti konnessi ma' attakk ta'l-epilepsija li sofra l-imputat proprju f'dak il-mument. Illi l-Qorti tqies illi dina id-difiza hija wahda fjakka ghall-ahhar. L-imputat ma jixhidx fil-kawza, ma iressaq l-ebda prova dwar l-kundizzjoni medika tieghu u x'tip ta' attakki ibati minnhom. Inoltre l-verzjonijiet li huwa jaghti ta'l-incident kollha jindikaw illi huwa kien jaf ben tajjeb dak li kien qieghed jaghmel. Mill-okkorenza jirrizulta illi meta gie mitkellem *a tempo vergine* huwa stqarr inizjalment illi meta huwa mar sabiex jitma lill-anzjana Scicluna dina qabditlu il-parti privata tieghu u bdiet taqbadlu idejh u ma reditux jitlaq minn hdejha, izda imbaghad huwa jammetti li telgha fuq l-anzjana u ghamel

[3] Ara xhieda ta' l-Ispettur Spiridione Zammit a fol.20

movimenti sesswali fuqha.[4] Ighid illi huwa dejjem baqa' libes u l-anzjana kienet mghottija. Fl-istqarrija tieghu ukoll jikkonferma illi huwa ghamel l-istess azzjonijiet. Inoltre Rita Psaila tikontendi illi meta hija dahhlet fil-kamra u induna biha huwa iddesista minnufih mill-azzjonijiet tieghu u ghalhekk ma jistax ikun illi huwa kien qieghed ibati minn xi attakk ta'l-epilepsija. Ir-rapport ta'l-espert psikjatra imbaghad tikkonsolida dana kollu billi tispjega illi l-kundizzjoni ta' sahha mentali tal-imputat tista' twassal ghal nuqqas ta' kontroll fl-imgieba tieghu.

Illi l-Qorti tosserva illi l-kundizzjoni ta' sahha ta'l-imputat certament ma tippermettilux illi jiehu hsieb persuni vulnerabbli. Illi l-imputat ghandu bzonn il-kura u l-ghajnuna u ghalhekk mhuwiex f'posizzjoni li jiehu hsieb persuni ohra. Illi ghalkemm huwa importanti illi l-imputat jahdem u ikollu impieg, madanakollu l-impieg attwali tieghu ma huwiex idonju ghalih u ghalhekk l-imputat ma ghandux jithalla jiehu hsieb persuni vulnerabbli. L-imputat ibati minn depressjoni, ibati mill-kundizzjoni ta'l-epilepsija, huwa bniedem vunerabbli u b'karattru dghajjef. Dana kollu ma jaghmilx lill-imputat kapaci jiehu hsieb nies ohra.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti bil-fors trid tiehu dawn il-fatturi in konsiderazzjoni. Kif tghid ben tajjeb l-espert psikjatrika, l-imputat ghandu bzonn il-kura u l-ghajnuna sabiex jeghleb id-diffikultajiet li qed jiffaccja fil-hajja tieghu u huwa proprju dana li ser taghmel dina l-Qorti. Illi ghalhekk fil-piena li ser tigi inflitta l-Qorti ser tara illi l-imputat jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 207, 201(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' seba' xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

[4] Ara okkorenza Dokument SZ1 a fol.22 et seq.

Inoltre wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tqieghed lil hati taht ordni ta’ supervizjoni u dana ghal zmien tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-imputat jinghata l-kura kollha mehtiega ghal-istat ta’ sahha tieghu kemm dik mentali kif ukoll fizika.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza jew jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €337.50 in konnessjoni ma’l-ispejjez peritali.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ dina is-sentenza tigi notifikata lis-Supretendent Mediku ta’l-Isptar San Vincenz de Paule.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------